

I

(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet)

OPINJONIJIET

IL-KUMMISSJONI

OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-8 ta' Diċembru 2009

dwar il-pjan li jimmodifika r-rimi tal-iskart radjuattiv mill-faċilità CABRI, stabbilita fis-sit ta' Cadarache fi Franza, skont l-Artikolu 37 tat-Trattat tal-Euratom

(it-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)

(2009/C 301/01)

Fit-13 ta' Lulju 2009, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet mingħand il-Gvern Franċiż, skont l-Artikolu 37 tat-Trattat tal-Euratom, Dejta Ġenerali dwar il-pjan li jimmodifika r-rimi tal-iskart radjuattiv mill-faċilità CABRI, stabbilita fis-sit ta' Cadarache fi Franza.

Abbażi ta' din id-dejta u konsultazzjoni oħra mal-Grupp ta' Esperti, il-Kummissjoni fasslet l-opinjoni li ġejja:

1. Id-distanza bejn il-faċilità CABRI u l-eqreb punt fi Stat Membru ieħor, f'dan il-każ l-Italja u Spanja, hija ta' 110 km u 230 km rispettivament.
2. Il-modifikazzjoni maħsuba se tinvolvi żieda tal-limiti awtorizzati ta' rimi għat-tritju likwidu u għall-gassijiet nobbli.
3. F'kundizzjonijiet normali tat-tħaddim, il-modifikazzjoni maħsuba mhijiex se tikkawża xi esponiment li jista' jaffettwa s-saħħa tal-popolazzjoni fi Stat Membru ieħor.
4. L-iskart radjuattiv solidu se jinħażen b'mod temporanju fuq il-post qabel ma jiġi ttrasferit lejn faċilità tar-rimi awtorizzata mill-Gvern Franċiż.
5. Fil-każ li jkun hemm rilaxx mhux maħsub ta' sustanzi radjuattivi li jirriżultaw minn inċident tat-tip u d-daqs meqjus fid-Dejta Ġenerali, id-dożi li jaslu fi Stati Membri oħra ma għandhomx ikunu tali li jaffettwaw is-saħħa tal-popolazzjoni.

Fl-aħħar, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-implimentazzjoni tal-pjan li jimmodifika r-rimi tal-iskart radjuattiv mill-faċilità ta' CABRI stabbilita fis-sit ta' Cadarache fi Franza, kemm fl-operat normali kif ukoll fil-każ ta' inċident tat-tip u l-livell ta' serjeta meqjusa fid-Dejta Ġenerali, mhux mistenni li tirriżulta fit-tniġġis radjuattiv tal-ilma, tal-ħamrija jew tal-atmosfera ta' Stat Membru ieħor.

Magħmul fi Brussell, tat-8 ta' Diċembru 2009.

Għall-Kummissjoni
Andris PIEBALGS
Membru tal-Kummissjoni